MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 380/2004

Kawza fil-lista: 26

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Billi l-kontendenti zzewgu civilment f' Malta fl-24 ta' Ottubru 2003 u z-zwieg taghhom gie registrat permezz ta' l-Att taz-Zwieg numru 2010/2003.

Billi z-zwieg bejn il-kontendenti kien zwieg ta' konvenjenza peress li ntuza mill-konvenut sabiex ikun jista' jirrisjedi hawn Malta.

Billi l-kunsens ta’ l-attrici nkiseb b’ qerq dwar xi kwalita’ tal-konvenut li tista’mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Billi l-kunsens tal-konvenut kien vizjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’ anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Billi l-kunsens inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti m’ ghandhiex:

Tiddikjara z-zwieg civili bejn il-kontendenti null u bla effett.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa li z-zwieg ta’ bejn il-partijiet huwa ghal kull effett tal-ligi validu, u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fl-24 ta’ Ottubru 2003 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali jinsab

vizzjat fit-termini tal-paragrafi [c][d] u [f] ta' l-Artikolu 19 [1]tal-Kap.255

Il-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu.

Mill-provi rrizulta li l-attrici zzewwget lill-konvenut, ta nazzjonalita' Sirjana, fl-24 ta' Ottubru 2003 wara li hija kienet harget tqila u wara konvivenza ta circa hames xhur. L-attrici, li dak iz-zmien kella dsatax il-sena, izzewwget lill-konvenut fuq insistenza tieghu sabiex jevita li jigi deportat minn Malta peress li kien qed jirrisjedi hawn illegalment. Ghalkemm huwa ma kellux permess biex jahdem, huwa xorta wahda kien jahdem bla permess, u baqa' jahdem "sakemm iltqajt ma' A." [fol.77].

Sussegwentement fit-8 ta' Dicembru 2003 twieldet it-tarbija. Mill-provi jirrizulta sodisfacentement provat li, ghalkemm qabel iz-zwieg il-konvenut kien juri ruhu bhala persuna gentili u premuruz fil-konfront ta' l-attirici, il-komportament tieghu nbidel wara z-zwieg fis-sens li huwa kien jmur id-dar biss biex jinhasel u jorqod, kien ihalli lill-attrici nieqsa mill-flus, u kien jorhog ta' spiss wahdu filghaxija u jirritorna l-ghada filghodu. Dawn il-fatturi kien sors ta' inkwiet bejn il-konjugi u f' Settembru tas-sena 2004 l-attrici ddecidiet li titlaq mid-dar peress li ma setghetx tkompli tghix aktar mal-konvenut. Hija tghid li wara, "C qatt ma cempel biex jara kif inhi t-tifla tieghu Rhoda jew kif ninsab jien. Fil-fatt qatt ma kellu kuntatt mieghi minn Settembru 2004." [fol.30].

Il-Qorti taghati affidament lix-xhieda ta' l-attrici.

Il-Qorti, wara li ezaminat l-assiem tal-provi kollha, hija tal-fehma li ghandha taccetta t-tesi attrici li <u>l-uniku</u> skop tal-konvenut fir-relazzjoni tieghu maghha, kien li jaqbad ma' tfajla Maltija, jipperswadija tizzewwgu, sabiex hu jkun jista' jibqa' Malta u anke jgib permess biex jahdem f' Malta. Il-komportament tieghu kien purament wiehed egoistiku u ma wera ebda affezzjoni lejn martu u lanqas lejn bingu. Ir-relazzjoni ta' bejn il-konjugi kienet mill-bidu nett taz-zwieg taghhom priva minn dik il-maturita' affettiva da parti tal-konvenut li huwa wiehed mill-elementi essenzjali ghall-

validita' taz-zwieg u li huwa s-substrat ta' l-ingredjent tal-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku.

Fid-dawl tal-premessi konsiderazzjonijiet il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat in kwantu kien hemm, mill-bidu taz-zwieg, nuqqas lampanti ta' maturita' affettiva da parti tal-konvenut fil-konfront ta' martu.

In propositu jigi osserva li jinsab ritenut fil-gurisprudenza li l-kuncett ta' maturita' affettiva li jimporta "generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi una mancanza di consenso libero [immaturita' affettiva] e ponderato [immaturita' di gudizio]" [*Il Diritto Canonico Matrimoniale – Bersini; citat fil-kawza App.C. Raymond Theuma vs Carmen Theuma deciza 27 ta' Jannar 2006].*

Illi inoltre, il-komportament tieghu wara z-zwieg kien tali li jwassal ghall-konkluzjoni li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tieghu huwa ma kellu l-intenzjoni li jghix il-hajja mizzewwga ma' l-attrici f' unjoni diretta lejn il-konvivenza bazata fuq il-benessere reciproku, prokreazzjoni, u torbbija ta' l-ulied li huwa obbligu taz-zewg konjugi fiz-zwieg; u ghalhekk din il-Qorti tirravvisa l-caput nullitatis kontemplat il-paragrafu [f]; ghax dak li essenzjalment u <u>unikament</u> ried il-konvenut meta esternament ghadda minn cerimonja ta' zwieg kien li jakkwista l-liberta' ta' moviment f' Malta u xejn aktar. Dan jispjega ghaliex wara d-data taz-zwieg " … minnufih wara, l-affarijiet bdew jinbidlu. C beda jgibli hafna skuzi biex johrog wahdu filghaxijiet u f' xi drabi kien jibqa' l-lejl kollu barra mid-dar." [fol.29] Apparti minnhekk huwa kien ihalli lill-attrici nieqsa mill-flus meta dina ma kienitx tahdem u kienet ghadha studenta fl-MCAST.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici in bazi ghall-ewwel parti tal-paragrafu [d] u ghall-paragrafu [f] ta' l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255 fil-konfront tal-konvenut; u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-

partijiet fl-24 ta’ Ottubru 2003 u registrat permezz ta’ l-Att taz-Zwieg numru 2010/2003

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------